# Parroċċa Qalb Bla Tebgħa Ta' Marija
# BURMARRAD

Tel: 21573045/ Fax:21578118
www. parroċċaburmarrad.com
email:parbur@waldonet.net.mt

## LEĦEN IL-PARROĊĊA - Mejju 2010 - NRU. 333



Il-Paċi tal-Mulej magħkom,

F'dan ix-xahar il-Knisja u flimkien aħna wkoll sejrin niċċelebraw festi sbieħ, nibdew b'Jum l-Omm. Kull wieħed u waħda minnha iridu nirringrazzjaw il-Mulej tad-don ta' ommijiet tagħna imma fuq kollox irridu nirringrazzjaw lil Mulej Ġesu' tar-rigal sabiħ li huwa tana meta ħallielna lil Ommu bħala l-Omm tagħna. Aħna li għandna parroċċa ddedikata lil Ommna Marija għandha nħossuna ferm iżjed kuntenti għax f'dan il-jum niċċelebraw l-omm tagħna Marija u l-omm personali tagħna.

Festi oħra li għandna dan ix-xahar huma Tlugħ fis-Sema tal-Mulej, Pentekoste, u Trinita' Qaddisa. Festi fejn fihom aħna narfu iżjed lilna infusna, u għaliex ngħid hekk. Għaliex permezz tal-passjoni u l-qawmien ta' Ġesu' aħna ħadna il-ħajja. Huwa qabel ma telgħa s-sema lil Appostli wegħedhom l-Ispirtu s-Santu, u eżatt meta l-Ispirtu s-Santu niżel fuqhom huma ma taw kaz ta' xejn iżjed u ħarġu bi ħġarhom jipriedkaw il-Vangelu.

Għeżież hekk ukoll aħna kollha kemm aħna irċevejna l-Ispirtu Santu sew fil-Magħmudija kif ukoll komplejna irċevernieh fil-Griżma ta' l-Isqof. L-Ispirtu Santu huwa d-difensur tagħna, huwa qiegħed hemm biex aħna ngħixu ħajja tajba, biex jgħinna negħelbu it-tentazzjonijiet, li ħafna drabi ma jkunux faċli. Qiegħed hemm biex lilna iżomma ħajjin fil-Kelma ta' Alla. Jgħinna ma niġġudikawx, nirrispettaw l-opinjoni ta' ħaddieħor, ma nparlawx fuq dawk ta' madwarna, ma ninterpretawx lil ħaddiehor ħażin, inkunu iżjed ġeneruzi, naħdmu flimkien id f' id. Kif ukoll l-Ispirtu Santu jgħinek fid-diffikultajiet li tkun għaddej minnhom, bħal ngħidu aħna, inkwiet li jkollok fil-familja, nuqqas ta' fidi fil-Mulej Ġesu', jgħinek fil-karattru tiegħek, jgħinek tagħraf verament lilek innifsek, jgħinek ma tagħtix kaz ta' għira li ħaddieħor għandu għalik. L-Ispirtu s-Santu, Ġesu tagħulna biex jiddefendina, iżda importanti ukoll li aħna inkunu fil-grazzja ta' Alla, u li inħalluh jaħdem fina verament f'kull ħin tal-ħajja tagħna mhux meta irridu aħna biss.

Awguri mill qalb lil Ommijiet kollha f'dan il-Jum iddedikat għalihom. Il-Mulej jagħtikom dak li qalbkom tixtieq.

Tkunu imberkin P. Donald Bellizzi OFM Conv Kappllan

# Ħsieb Spiritwali

## BENEDITTU XV1 u T-TBATIJA FIL-KNISJA

Skont l-Isqfijiet tagħna, il-Papa Benedittu mhux ħa gost bil-pellegrinaġġ li għamel f'Malta l-ġimgħa l-oħra, imma l-Papa Benedittu Ħ**ABB** iz-zjara li għamel fostna. Huwa ġie f'artna mdawwar bi sħaba sewda, mhux biss tal-vulkan li qed jizbroffa fl-Izlanda, imma wkoll tal-akkuzi xejn sbieħ li qegħda tiffaċċja l-Knisja Universali bħalissa.

Benedittu XV1 ġie Malta jġorr is-salib tat-tbatija. Fih aħna rajna l-wiċċ imnikket ta' Kristu, li bħalu qed jitgħabba bi dnubiet li mhux ħati tagħhom. Huwa ġie Malta biex jikkonfermana fil-fidi, u aħna bla mistenni, ikkonfermajnieh fil-ministeru tiegħu – dak tas-suċċessur ta' Pietru, li jfisser li jrid ikun ragħaj imma wkoll qaddej tal-qaddejja. Il-ferħ li ħassejna f'qalbna waqt din iz-zjara u l-mod kif urejnieh imħabbitna kien ta' faraġ kbir għall-Papa Benedittu.

Id-dnub huwa dnub, u l-ħsara li jagħmel, kemm lil vittma, kemm lil min jagħmlu, kif ukoll lis-soċjeta' kollha ħadd ma jista' jiċħadha. Imma l-attakki qarrieqa u kontinwi fuq il-Papa u fuq il-Knisja Kattolika mill-medja dinjija jġagħluk ixxengel rasek, tieqaf u tistaqsi. Dawn it-tip ta' abbuzi saru mhux fil-Knisja biss, imma fil-kamp tal-mediċina, fil-qasam ta' l-edukazzjoni, fi knejjes ta' twemmin ieħor, u saħansitra minn missierijiet fl'intimita' tal-familja. Mela allura x'inhu l-iskop li ngħabbu kollox fuq spallejn il-Knisja Kattolika u nsawtu lilha? Dawn l-abbuzi jitolbu ħaqq, iva, quddiem Alla, imma għalfejn nakkuzaw bla ħniena lil dak il-bniedem illi kien l-ewwel wieħed hekk kif laħaq Papa li ma bezax jiffaċċja l-problema biex, fi kliemu stess, inaddaf ***"il-ħmieġ"*** li daħal u li weġġgħa tant bnedmin? Ħadd fid-dinja m'hu qiegħed jifhem it-tbatija tas-sitwazzjoni u ħadd ma ħa l-passi meħtiega biex tissolva daqs Joseph Ratzinger! Hekk kif kien fuq l-ajruplan biex jibda l-vjaġġ lejn Malta, il-Papa Benedittu indirizza lil ġurnalisti li kienu miegħu b'dan il-kliem:

*"Għaliex se niġi Malta? L-ewwelnett, biex nerġa' nfakkar fil-messaġġ kbir ta' l-Appostlu tal-Ġnus, Pawlu. Nistgħu ngħidu li l-qofol tal-messaġġ tiegħu kien li l-Liġi hi miġbura kollha kemm hi fi kmandament wieħed:* ***Ħobb 'il għajrek bħalek innifsek****.*

*Iva, jiena naħseb li t-traġedja tan-nawfraħju tkellimna ħafna. Meta l-vapur li kien fuqu Pawlu inkalja, Malta twieldet fil-fidi. L-istess, meta l-vapur ta' ħajjitna jinkalja diversi drabi, dak ikun parti mill-Pjan t'Alla għalina. Meta ninkaljaw fil-ħajja, titwieled l-opportunita' li nibdew ħajja ġdida.*

*Jiena naf li Malta tħobb lil Kristu, u tħobb lil Knisja li hi ġismu, anki jekk dan il-ġisem hu miġugħ minħabba fi dnubietna. Naf li Malta għadha tħobb lil Knisja u l-Aħbar it-Tajba, li hija l-forza li tnaddaf u tfejjaq."*

Fuq il-Fosos tal-Furjana qalilna: *"Mhux dak kollu li tipproponielna d-dinja għandu jiġi aċċettat mill-poplu ta' Malta. Ħafna ilħna jippruvaw jipperswaduna biex inwarrbu l-fidi tagħna f'Alla u l-Knisja tiegħu, u biex nagħzlu aħna l-valuri li nixtiequ. Jgħidulna li m'għandniex bzonn lil Alla u lil Knisja tiegħu. Ħuti għeziez, jekk inpoġġu l-fiduċja tagħna kollha f'Alla u nimxu mal-verita', se nirbħu ħafna, se naqbdu ħafna ħut, il-premju se jkun kbir."*

Id-dehra ta' Papa anzjan, debboli, umiljat u ferut issejjaħ lil poplu ta' dawn il-gzejjer għall-konverzjoni serja fil-qalb, ħajja ġdida, u futur mimli tama. Mhux ta b'xejn allura li l-attakki kollha huma mmirati lejn il-Knisja! Għax hija l-Knisja li tippriedka l-verita'. Hija l-Knisja li xxandar il-kliem tal-Ħajja ta' Dejjem. Hija l-Knisja li minkejja d-dgħjufija tagħha, tixtiqilna l-veru ġid.



**Kristu huwa Ħaj!**

**Huwa qam tassew!**

# Misteri tal-Ferħ

It-Tnejn u s-Sibt

1. Meta l-Anglu Gabrijel ħabbar lil Marija li kellha tkun omm Alla
2. Meta Sidtna Marija zaret lill-qariba tagħha Santa Elizabetta.
3. Meta Sidna Ġesu' Kristu twieled fl-għar ta' Betlem
4. Meta Sidna Ġesu' Kristu kien pprezentat fit-tempju
5. Meta Sidna Gesu' Kristu tfajjel kien jiddisputa fit-tempju mad-dutturi

# Il-Misteri tad-Dawl

Il-Ħamis

1. Meta Sidna Ġesu' Kristu tgħammed fix-Xmara Ġordan
2. Meta Sidna Ġesu' Kristu wera min hu fit-tieġ ta' Kana
3. Meta Sidna Ġesu' Kristu ħabbar is-saltna ta' Alla u sejjaħ għall-indiema
4. Meta Sidna Ġesu' Kristu tbiddel quddiem l-Appostli fuq il-muntanja Tabor
5. Meta Sidna Ġesu' Kristu waqqaf l-Ewkaristija, it-tifkira tal-misteru ta' l-Għid.

Kull nhar ta' Erbgħa u kull nhar ta' Ġimgħa ser isir ir-Ruzarju.
Il-Ġimgħa jsir fuq iz-zuntier fis-6.00pm.
L-Erngħa f'toroq differenti.
L-ewwel Erbgħa 5 ta' Mejju jsir fi triq Emanuel Bonnici.
Rigward l-oħrajn navzaw aktar il-quddiem.

Il-Verġni Marija tkun tistenniena sa nofs il-lejl biex insellmulha mqar b' ħames posti Rużarju -

***San Gorg Preca***

## Il-Misteri tat-Tbatija

It-Tlieta u l-Ġimgħa

1. Meta Sidna Ġesu Kristu għamel l-orazzjoni fl-ort tal-Ġetsemani
2. Meta Sidna Ġesu Kristu kien ifflaġellat
3. Meta Sidna Ġesu' Kristu kien inkurunat bix-xewk
4. Meta Sidna Ġesu' Kristu ġie kkundannat għall-mewt bla ħtija u mgħobbi bis-salib sal-Kalvarju
5. Meta Sidna Ġesu' Kristu kien mislub, miet u kien midfun.

## Il-Misteri tal-Glorja

Il-Ħadd u l-Erbgħa

1. Meta Sidna Ġesu' Kristu rxoxta mill-imwiet
2. Meta Sidna Ġesu' Kristu tela' s-sema fejn hu qiegħed in-naħa tal-lemin ta' Alla
3. Meta l-Ispirtu s-Santu nizel fuq l-Appostli
4. Meta Sidtna Marija ġiet meħuda s-sema bir-ruħ u bil-ġisem mill-anġli
5. Meta Sidtna Marija kienet inkurunata minn binha Ġesu' Kristu Reġina tas-sema u ta' l-art.

# Djarju Mejju

**Is-Sibt 1 ta' Mejju:**
Fis-6.00pm Adorazzjoni b'riparazzjoni għal-offizi li jsiru lill-Qalb ta' Ġesu' u Qalb ta' Marija.

**Is-Sibt 1 u l-Ħadd 2 ta' Mejju**
Bazaar b'risq il-festa titulati tal-Parroċċa fis-sala tal Kunvent

**Il-Ħadd 2 ta' Mejju:**
- Membri tal-kumitat festa joħorġu jiġbru bieb bieb għal-l-istatwa tal-faċċata.
- Laqgħa tal-GRUFAN.

**It-Tnejn 3 ta' Mejju:**
Laqgħa għal Ġenituri tat-tfal li sejrin jagħmlu l-Ewwel Tqarbina fit-30 ta' Mejju. Ħin fis-6.15pm fil-qasam tal-Muzew bniet.

**L-Erbgħa 5 ta' Mejju:**
- Quddiesa u Breakfast fir-Riviera Hotel. Tluq 8.45am minn fejn iż-żuntier tal-Knisja.

- L-aħħar laqgħa fuq is-Sagramenti għal kulħadd minn P. George Zammit. Ħin 4.30pm fil-Knisja.

**Il-Ħamis 6 ta' Mejju:**
- Nagħtu bidu għal kors ta' Parental Skils li huwa organizzat mill-kummisjoni familja. Imexxu membri mil-Karitas Malta. Minn huwa interessat jista' ikellem lil Kappillan jew lil Mrs Daniella Zerafa.

- L-ewwel Ħamis tax-xahar. Adorazjoni fis-seminarju tal-Virtu' ir-Rabat. Min huwa interessat li jattendi mal-grupp jista jkellem lil Mrs Connie Biongiovanni. Tluq minn fejn iz-zuntier fl-12.00.

**Is-Sibt 8 ta' Mejju:**
Nofs ta' nhar irtir għat tfal li sejrin jagħmlu l-Ewwel Tqarbina din is-sena.

**Il-Ħadd 9 ta' Mejju: Jum l-Omm**
il-Quddiesa tat-8.30am tkun animata bi ħsibijiet speċjali fuq l-omm.

**It-Tlieta 11 ta' Mejju:**
**Fis-6.15 Adorazzjoni tal-Ħniena Divina**

**Is-Sibt 15 ta' Mejju:**
Ġurnata Catania fejn ikollna Quddiesa, ħin biex wieħed ikun jista jixtri xi affarijiet u wara nofs inhar inżuru Gardini Naxos, Tormina u mt Etna. Prezz huwa ta' €96. Min huwa interessat jista' jkellem lil-Kappillan.

**Il-Ħadd 16 ta' Mejju:**
Niċċelebraw it-tlugħ tal-Mulej fis-Sema (Lapsi)

**L-Erbgħa 19 ta' Mejju:**
Letzio Divina wara l-quddiesa.

**Il-Gimgħa 21 ta' Mejju:**
Il-Parroċċa mistiedna biex tieħu sehem u tanima quddiesa fil-kwindiċina tal-Qalb ta' Ġesu' ġewwa Fontana Għawdex. Nitilqu minn fejn iz-zuntier għal-ħabta ta' 4.30pm, Wara l-quddiesa immorru nieħdu xi ħaga flimkien Għawdex stess. Min huwa interessat jista' jħalli ismu fis-sagrestija.

**Il-Ħadd 23 ta' Mejju:**
Niċċelebraw il-festa solenni ta' Pentekoste.

**Il-Ħadd 30 ta' Mejju:**
**Jum it-Trinita' Qaddisa**. Ikun hawn il-Preċett fil-Parroċċa. Il-Quddiesa tal-Preċett tkun 10.00am ta' filgħodu.



# TAJJEB TKUN TAF

- Bazaar b'risq il-festa titulati tal-Parroċċa Is-Sibt u l-Ħadd 1 – 2 ta' Mejju fis-sala tal Kunvent
- Jibda' l-Kors tal-Parental Skills fis-6 ta' Mejju fil-garaxx tal-kunvent.
- Ġurnata Catania fil-15 ta' Mejju
- Quddiesa u Breakfast fir-Riviera Hotel
- Lapsi - 16 ta' Mejju
- Quddiesa animata mill-Parroċċa tagħna fil-kwindiċina tal-Qalb ta' Ġesu ġewwa l-Fontata Għawdex.
- Jum it-Trinita Mqaddsa u jum il-Preċett fil-parroċċa



***Bdew il-Ħajja Nisranija:***

Rihianna Vella - 11 ta' Frar 2010

Elise Micallef - 3 ta' April 2010

Martina Bonnici - 3 ta' April 2010

Mariah Camilleri - 16 ta' April 2010



***Ingħaqdu mal-Mulej fil-Ħajja ta' dejjem***

Carmelo Aguis 3 ta' Marzu 2010

Frances Zerafa 20 ta' Marzu 2010

Carmen Bonnici 11 ta' April 2010